Maltese/Malti

# Il-gwida uffiċjali tiegħek

## għall-elezzjoni federali tal-2025

**IS-SIBT 3 TA' MEJJU 2025**

**LI TIVVOTA HUWA OBBLIGATORJU**

GĦALL-AWSTRALJANI TA' 18-IL SENA U AKBAR




## Il-vot tiegħek ser jgħin biex jifforma l-Awstralja

# **Messaġġ mill-**
## Aġent Kummissarju Elettorali

Din il-gwida għandha ideat dwar kif tiċċekkja sorsi ta’ informazzjoni u kif tagħmel biex il-vot tiegħek ikun jgħodd, tispjega x’jiġri fil-post tal-votazzjoni u twieġeb mistoqsijiet frekwenti.

Ser ikollna postijiet tal-votazzjoni miftuħa madwar il-pajjiż f’jum l-elezzjoni, kif ukoll għażliet oħra ta’ kif tivvota biex nissaportjaw komunitajiet biex isemmgħu leħinhom.

Għandek tħossok kunfidenti li qed inwasslu elezzjoni **b’integrità**, u niżguraw il-vot tiegħek f’kull pass tal-proċess – mill-istampar sal-għadd tal-karti tal-vot tiegħek.

L-iskambju qawwi ta’ ideat huwa parti mill-kampanja elettorali u ninkorraġġik biex tikkunsidra bir-reqqa l-informazzjoni kollha li tirċievi, imma b’mod partikolari kwalunkwe informazzjoni li jkollha dubji dwar il-proċess elettorali tagħna li huwa stabbilit.

**Staqsi lilek innifsek jekk hux minn sors li huwa magħruf u li wieħed jista’ joqgħod fuqu.** Jekk it-tweġieba hija le, is-suġġeriment tiegħi huwa li toqgħod attent.

Meta żżur post tal-votazzjoni, jekk jogħġbok ftakar li l-impjegati tagħna huma Awstraljani komuni li qegħdin hemm biex jgħinuk bil-proċess tal-votazzjoni.

Żur **aec.gov.au** għal aktar informazzjoni fuq kif tista’ issemma’ leħnek f’din l-elezzjoni.

**Jeff Pope**
Aġent Kummissarju Elettorali



AKTAR MINN 97%
votanti eliġibbli fir-reġistru elettorali




7,000+
postijiet tal-votazzjoni



500+
ċentri tal-votazzjoni bikrija



100,000+
ħaddiema temporanji tal-elezzjoni

# **Ieqaf u kkunsidra**
## Iċċekkja s-sors ta’ din l-elezzjoni federali

Waqt il-perjodu tal-elezzjoni ammont kbir ta’ informazzjoni tiġi mxerrda li hija ddisinjata li tinfluwenza l-vot tiegħek.

Informazzjoni minn sorsi differenti hija parti vitali tal-proċess demokratiku. Tagħti mezz lill-kandidati, partiti politiċi u oħrajn biex jikkomunikaw il-politiki u t-twemmin tagħhom mal-votanti.




Madankollu, xi informazzjoni tista’ tkun falza jew qarrieqa deliberatament. Huwa importanti li inti tikkunsidra bir-reqqa dak li tara, tisma’ jew taqra dwar l-elezzjoni federali.

Ħu l-ħin biex tikkunsidra:

- **Minn fejn** ġiet l-informazzjoni? Hija minn mezz tal-midja ta’ min jafda jew minn kont tal-midja soċjali uffiċjali?
- **Meta** ġiet ippublikata? Informazzjoni antika li m’għadhiex korretta tista’ tiġi mxerrda b’mod li tkun tidher li hija informazzjoni ġdida.
- **Iċċekkja** jekk m’intix ċert. It-teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali tagħmilha aktar faċli biex toħloq informazzjoni falza dwar il-proċess tal-votazzjoni.

Jekk tara xi ħaġa dwar il-proċess tal-elezzjoni federali li m’intix ċert dwarha, staqsi lill-AEC. Dan hu importanti b’mod partikolari rigward informazzjoni li tista’ tara fil-midja soċjali u onlajn. Żur **aec.gov.au/stopandconsider** għal aktar informazzjoni u vidjos qosra b’ideat utli.

# Jum l-elezzjoni hu s-Sibt 3 ta' Mejju 2025

## Il-postijiet tal-votazzjoni jifthu fit-8am u jagħlqu fis-6pm preċiż

Elezzjoni federali issir biex il-votanti jagħżlu membri tal-parlament li jirrappreżentaw il-veduti u l-interessi tagħhom fil-Kamra tar-Rappreżentanti u fis-Senat. Dawn huma xi affarijiet li għandek bżonn tkun taf dwar il-votazzjoni.

### Min għandu jivvota?

Iċ-ċittadini Awstraljani kollha ta' 18-il sena u akbar iridu jkunu reġistrati u jridu jivvutaw fl-elezzjonijiet federali.

### Fejn nista' nivvota?

Tista' tivvota fi kwalunkwe post tal-votazzjoni fl-istat jew territorju tiegħek fil-jum tal-elezzjoni. Il-postijiet tal-votazzjoni huma miftuħin bejn it-8am u s-6pm.

Ġeneralment il-postijiet tal-votazzjoni jkunu fi skejjel, knejjes, swali tal-komunità u bini pubbliku lokali.

Biex issib l-eqreb post tal-votazzjoni tiegħek żur **aec.gov.au/where**

### X'jiġri jekk għandi bżonn għajnuna?

Jekk għandek restrizzjoni fil-mobilità jew diżabilità, jew jekk tieħu ħsieb ta' xi ħadd li hu hekk, tista' tiċċekkja d-dettalji tal-aċċessibiltà tal-postijiet tal-votazzjoni f' **aec.gov.au/where**

Għal votanti li huma għomja jew li għandhom viżta baxxa, hemm għażliet biex tivvota li jistgħu jkunu ta' għajnuna. Żur **aec.gov.au/assistance** jew ċempel **13 23 26**.



### X'jiġri jekk inkun fi stat jew territorju ieħor?

Jekk inti ser tkun fi stat ieħor fil-jum tal-elezzjoni, tista' tivvota f'ċentru nominat tal-votazzjoni f'dak l-istat jew tikkunsidra għażliet ta' votazzjoni bikrija.

### X'jiġri jekk ma nistax nivvota f'jum l-elezzjoni?

Jekk ma tistax tmur f'post tal-votazzjoni fil-jum tal-elezzjoni, tista' tkun eliġibbli li tivvota kmieni personalment jew bil-posta.

#### Kif tivvota kmieni personalment

Jekk inti eliġibbli, tista' tivvota qabel jum l-elezzjoni. Iċ-ċentri ta' votazzjoni bikrija ser jifthu **mit-Tlieta 22 ta' April 2025**. Id-dati u ħinijiet tal-ftuħ ivarjaw, għalhekk żur **aec.gov.au/where** biex tiċċekkja d-dettalji ta' kull ċentru.

Għal aktar informazzjoni dwar il-votazzjoni bikrija u eliġibbiltà, żur **aec.gov.au/early** jew ċempel **13 23 26**.

#### Kif tivvota kmieni bil-posta

Teżisti votazzjoni bil-posta għal votanti eliġibbli. Iċċekkja l-eliġibbiltà tiegħek u applika onlajn f'**aec.gov.au/pva**

L-applikazzjonijiet iridu jaslu għand l-AEC mhux aktar tard **mis-6pm tal-Erbgħa 30 ta' April 2025**.

Jekk jogħġbok ċempel **13 23 26** jekk m'għandekx aċċess għall-internet u tixtieq tapplika għal vot postali.

Jista' jkun li tirċievi applikazzjoni għal vot postali minn partit politiku jew organizzazzjoni oħra. Terzi persuni huma permessi li jibgħatu dawn l-applikazzjonijiet fid-djar, imma inti m'għandekx għalfejn tużahom. Tista' tapplika direttament mal-AEC għal pakkett ta' vot postali.

### F'liema elettorat ngħix?

Tista' tiċċekkja f'liema elettorat tgħix f'**aec.gov.au/electorate**

L-isem jew il-fruntieri tal-elettorat tiegħek jista' jkun li inbidlu mill-aħħar elezzjoni b'riżultat ta' ridistribuzzjoni. Dan jista' jfisser li trid tivvota f'elettorat differenti jew li l-post tal-votazzjoni tas-soltu tiegħek qiegħed f'elettorat differenti.

### Lil min ser tivvota hija deċiżjoni tiegħek

Kif titfa' l-vot tiegħek hija deċiżjoni tiegħek biss. Barra l-post tal votazzjoni, rappreżentanti tal-kandidati jistgħu joffrulek karti 'kif tivvota' (how to vote cards), u jissuġġerulek biex tivvota b'mod partikolari. M'għandekx għalfejn taċċetta jew isegwi l-karti 'how to vote'.

Għandek xi mistoqsija oħra?
Żur **aec.gov.au/faqs**

# X'jiġri fil-**post tal-votazzjoni?**

Meta tasal f'post tal-votazzjoni, uffiċjal tal-votazzjoni ser jistaqsik ismek sħiħ u l-indirizz, u jekk ivvutajtx diġà fl-elezzjoni tal-2025.

- Ismek ser jiġi ingassat mir-reġistru elettorali.
- Ser tingħata karta tal-vot għall-Kamra tar-Rappreżentanti u karta tal-vot għas-Senat.
- Segwi l-istruzzjonijiet fuq il-karti tal-vot tiegħek u imlihom sew jew staqsi uffiċjal tal-votazzjoni għall-għajnuna.
- Meta tkun imlejt il-karti tal-vot tiegħek, poġġihom fil-kaxxa tal-voti.
- Jekk użajt lapes tal-AEC, poġġieh fil-kaxxa inti u ħiereġ.

L-iġjene tajba hija inkoraġġuta u ser ikun hemm hand sanitiser.

**L-impjegati tagħna qegħdin hemm biex jgħinuk.**
Jekk jogħġbok urihom rispett.




# X'tagħmel biex il-vot **tiegħek ikun jgħodd**

Ser tingħata żewġ karti tal-vot, waħda żgħira ħadra għall-Kamra tar-Rappreżentanti u waħda kbira bajda għas-Senat. **Trid timla ż-żewġ karti tal-vot.** Fil-karta tal-vot il-ħadra, qed tivvota għal rappreżentant tal-lokalità jew l-elettorat tiegħek fil-Kamra tar-Rappreżentanti. Fil-karta tal-vot il-bajda, qed tivvota għal rappreżentanti mill-istat jew territorju tiegħek fis-Senat.

## Il-Kamra tar-Rappreżentanti

Fil-karta tal-vot il-ħadra, **innumera kull kaxxa** fl-ordni tal-għażla tiegħek. Poġġi n-numru '1' fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li huwa l-ewwel għażla tiegħek, '2' fil-kaxxa ħdejn it-tieni għażla tiegħek u kompli hekk, sakemm tkun innumerajt il-kaxex kollha.




Kampjun ta' karta tal-vot

Kont taf li tista' tipprattika kif tivvota fuq il-websajt tal-AEC? Żur **aec.gov.au/practise**

## Is-Senat

Fil-karta tal-vot il-bajda, għandek għażla ta' żewġ modi kif tivvota:

**JEW**

### Fuq il-linja

Jekk tivvota fuq il-linja, trid tinnumera **mill-anqas 6 kaxex.**

Poġġi '1' fil-kaxxa għall-partit jew grupp li huwa l-ewwel għażla tiegħek, '2' għat-tieni għażla tiegħek u kompli hekk sakemm tkun innumerajt mill-anqas sitt kaxex. Tista' tkompli tpoġġi numri fl-ordni tal-għażla tiegħek fuq il-linja f'kemm kaxex trid.




Kampjun ta' karta tal-vot

**JEW**

### Taħt il-linja

Jekk tagħżel li tivvota taħt il-linja, trid tinnumera **mill-anqas 12-il kaxxa** minn 1 sa 12 għal kandidati individwali fl-ordni tal-għażla tiegħek. Tista' tkompli tpoġġi numri kemm trid fl-ordni tal-għażla tiegħek.




Kampjun ta' karti tal-vot

**Tinkwetax jekk tieħu żball.**

Tista' titlob karta tal-vot oħra u terġa' tibda mill-ġdid.

# **Il-gwida uffiċjali tiegħek** għall-elezzjoni federali tal-2025

## IS-SIBT 3 TA' MEJJU 2025

# **Forom alternattivi** għal din il-gwida uffiċjali

### Informazzjoni aċċessibbli

Għal votanti li huma għomja jew li għandhom viżta baxxa, din il-gwida uffiċjali hija disponibbli fuq il-websajt tal-AEC stampata b'ittri kbar, bħala e-text u fajls bl-awdjo f'**aec.gov.au/assistance**

Dawn il-forom, kif ukoll bħala Braille, jistgħu jintalbu billi ċċempel **13 23 26**.

Jekk inti trux jew ma tantx tisma', ikkuntattjana permezz tan-National Relay Service (NRS). Uża l-metodu preferut tiegħek ta' kuntatt u ipprovdi lil NRS bin-numru tagħna **13 23 26.**

Is-servizzi ta' interpretar tal-Auslan ser ikunu disponibbli wkoll. Żur il-websajt tal-AEC għal aktar informazzjoni.




### Informazzjoni b'lingwi oħrajn

Il-verżjonijiet tradotti ta' din il-gwida f'34 lingwa jistgħu jiġu mniżżla mill-**aec.gov.au/translated**

Servizzi ta' interpetar bit-telefown huma disponibbli wkoll. Għal informazzjoni dwar il-votazzjoni u l-elezzjoni bil-Malti ċempel **1300 720 153**.

Li tivvota huwa obbligatorju għal ċittadini Awstraljani ta' 18-il sena u akbar. Jekk ma tivvutax, jistgħu jittieħdu passi kontrik. Huwa reat kriminali li tivvota darbtejn.

24-2017

**aec.gov.au** 13 23 26

AEC Australian Electoral Commission

Awtorizzat mill-Kummissarju Elettorali, 10 Mort Street, Canberra
Authorised by the Electoral Commissioner, 10 Mort Street, Canberra